Minuti tal-laqgħa numru tlettax (13) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar is-26 ta' Marzu 2020 fis-6.30pm fil-Bini Munċipali tar-Rabat, 64, Triq Inguanez, ir-Rabat

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Is-Sur Alexander k/a Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Dr Karl Muscat | Kunsillier |
| | Is-Sinjura Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| ASSENTI | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |

**13.03 Ingaġġ ta' Office Administrator - Intervista**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba ftit aktar tard milli kien skedat għaliex kien intervistat mill-kunsillieri preżenti s-Sur Marco Scerri. Il-Kunsilliera kollha staqsew diversi mistoqsijiet lis-Sur Scerri, fejn dan ta' l-aħħar wieġeb għal kull mistoqsija. Il-mistoqsijiet kienu diversi pero' ħafna staqsew dwar iċ-ċertifikati tas-Sur Scerri, għala għazel li jaħdem mal-kunsill u xi ħsibijiet għandu biex jgħin lil Kunsill fl-operat tiegħu. Wara li kulħadd staqsa li ried, s-Sindku u l-kunsilliera irringrazzjaw lis-Sur Scerri u talbuh biex iħalli l-kamra u li ser jiġi ikkomunikat miegħu d-deċiżjoni tal-Kunsill minn għand is-Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil illi dan ikun mogħti l-kuntratt tal-Offic*e Administrator* fuq *probation* għal tliet xhur minkejja li l-bord tal-evalwaturi kien għadu ma ħariġx ir-rapport tiegħu tal-offerta pubblika għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill

**13.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji u t-talba** — **Ittri ta' Aploġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi is-Sur Nazju Cassar ma setgħax ikun magħna llejla minħabba li jinsab rikoverat f'daru. Dan kien skużat.

**13.02 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru tnax (12)** — **Minuti**

Il-Minuti kienu mgħoddija għall-vot u kienu proposti mis-Sindku is-Sur Sandro Craus u u ssekondat mis-Sra Doris Coleiro u dawn kienu approvati unanimament.

**13.04 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-*Works Order* 23 u Ċedola tal-pagamenti numru 304** — **Ċedola tal-Pagamenti u Ordni tax-xogħlijiet**

Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 304 u dik tal-Purchase/Works Orders numru 23 b'vot unanimu bil-propost u s-sekondant kif muri fuq l-istess dokumenti.

Dwar il-kont tal-first time cleaning tal-uffiċċju, il-Kunsill iddeċieda illi jnaqqas mill-ispejjeż tar-renta tal-post għaliex is-sid suppost tagħhulna nadif.

**13.05 Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** — **Mistoqsijiet**

Ma kienx hemm.

**13.06** **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni ta' RLC 178/19 – Tender for the cleaning, upkeep and maintenance of public gardens and soft areas using environmentally friendly products and practices.** **RLC/178/19**

Il-kunsillieri raw ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni tal-offerta pubblika tas-*Soft Areas*. Kien deċiż illi l-offerta taqa' u terġa' toħroġ mill-ġdid għaliex il-'parameters tal-kuntratt se jkunu mibdula'. Dan għax kien propost li joħroġ 'in lots' billi jinqasam ir-Rabat f'erba' zoni differenti u jingħataw lill-kuntratturi differenti.

**13.07** **Restawr tal-Istatwa ta' San Pawl** **Restawr**

Dwar il-propost restawr fuq niċċa/statwa, biex napplikaw għall-fondi tal-*Majjistral Action Group Foundation,* intqal illi r-ritratt prodott mis-SE juri statwa li kien sarilha restawr fuqha ftit tas-snin ilu – San Pawl fi Triq Għeriexem. Xi kunsillieri qalu illi hemm strutturi oħrajn li jinħtieġu restawr bħal dawk fi Triq San Martin, Vjal Santu Wistin jew inkella dawk taż-żewġ erwieħ ta' fuq il-pilastri tad-daħla taċ-ċimiterju. Kien hemm qbil illi napplikaw għal dawk tal-aħħar u nġibu approvazzjoni mis-Sanita' u l-Awtorita' tal-Artijiet.

**13.08** **Programm tal-ħarġiet għall-anzjani minn April sa Ġunju 2020** **Ħarġa għall-Anzjani**

Il-programm tal-ħarġiet tal-anzjani għax-xhur li ġejjin, kien approvat b'vot unanimu, madankollu dan qiegħed *on-hold* ħalli naraw kif se jiżvolġu ċ-ċirkustanzi minħabba l-Corona Virus. Infatti l-postijiet fejn jiltaqgħu l-anzjani bħaċ-Ċentru ta' matul il-jum qed ikun magħluq.

**13.09** **Smiegħ tal-Awtorita' tal-Ippjanar - Tas-Salvatur - PA 10389/18 *Garbage Trucks Depot*** **PA 10389/18**

Dwar il-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar PA 10389/18 biex l-applikant ikun jista' jibdel l-użu ta' bitħa ta' razzett f'post li fih jipparkjaw it-trakkijiet taż-żibel fi Triq il-Ġarġir, il-Kunsill Lokali tar-Rabat se jagħmel oġġezzjoni mal-awtorita' minħabba l-inkonvenjent li qed ikun hemm fl-inħawi tas-Salvatur bil-vetturi tal-iskart ipparkjati barra.

**13.10** **Punti Oħra** **Punti Oħra**

**13.10.01** Ian Vassallo tkellem dwar iż-żewġ **parkeġġi** li hemm fi **Triq Rudolph Saliba, k/m Triq San Patrizju**. Hu qal illi dawn ma jagħmlux sens u rridu nikkonfermaw illi huma approvati minn TM. **Parkeġġi**

**13.10.02** Doris Coleiro talbet illi jsir ***refreshing* tal-kaxxi tal-parkeġġi fi Triq San Tumas.**

**13.10.03** Matthew Chetcuti talab illi tiċkien il-bankina u jekk mhux possibbli jitneħħew il-**parkeġġi ta' Triq Santa Rita** faċċata tal-ħanut li jbiegħ is-sapun. Għal dan il-kumment kien hemm proposta illi tiċkien il-bankina (mil-wisgħa jew inkella inħallu l-vetturi illi jkunu jistgħu jitilgħu jipparkjaw parzjalment fuq il-bankina. Dwar l-istess suġġett kien hemm ukoll suġġeriment illi jitneħħew il-parkeġġi mill-Pjazza tal-Parroċċa quddiem iċ-Ċentru Ċiviku, kif ukoll nindirizzaw il-parkeġġ irregolari fi Pjazza San Katald.

**13.10.04** Inġibdet l-attenzjoni dwar il-bżonn li ssir iż-**żabra** tas-siġra l-kbira li hemm fi **Triq Santa Rita** viċin il-latrina pubblika. **Żbir**

**13.10.05** Is-Sur Matthew Chetcuti talab li titwaħħal **mera** oħra fi Vjal Santu Wistin k/m Triq il-Mużew ma' Howards Garden. **Mera addizzjonali**

**13.10.06**

Dr Karl Muscat qal illi fi kriżi bħal din tal-*Corona Virus* hu kien issuġġerixxa permezz ta' e-mail illi ssir il-**laqgħa tal-Kunsill on-line.** Barraminhekk il-KLR irid ikollu strateġija biex jitwassal l-ikel u l-mediċini lil persuni vulnerabbli speċjalment lill-anzjani. Is-Sindku qal illi bħalissa il-pubbliku hu mħeġġeġ juża l-helpline li l-Gvern fetaħ apposta. **Laqgħa tal-Kunsill on-line**

**13.10.07**

Dr Karl Muscat qal illi fiċ-ċirkustanzi preżenti tal-Covid 19, hemm *on-hold* il-kostruzzjoni tal-**cat shelters** li huma importanti, madankollu hemm **problema bl-ikel tal-qtates** għall-feeders li l-KLR qabel illi jkun hemm ivvutati €500 ikel għalihom ħalli ma jmutux bil-ġuħ. **Cat feeders**

**13.10.08**

Is-Sur Ian Vassallo ippropona illi **naħslu l-Pjazza tal-Parroċċa u s-Saqqajja**. Dan minħabba l-prekawzjonijiet li qed jittieħdu anke fi rħula oħra minħabba l-Corona Virus. **Ħasil tat-toroq**

Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus qal li diġa saret it-talba lil *Cleaning and Maintenance Division* u qal li jaqbel perfettament ma' din il-proposta. Is-Sindku aġġorna lil Kunsilliera dwar il-progress li qed isir fuq il-latrina ta' Triq il-Kulleġġ. Huwa qal li qed jinġabru l-istimi u x-xogħol ser ikun jirrikjedi li jinqala l-madum, sinkijiet, u *toilets* biex b'hekk ikunu jistgħu jinbidlu l-katusi u kanen tal-ilma. Prattikament ser isir kollox mil-ġdid. Il-Kunsill qabel li issa huwa ż-żmien opportun biex isir dan ix-xogħol minħabba 'l fatt li n-nies ma tantx qed joħorġu.

**13.11** **Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss.** **Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm. Il-KLR se jiltaqa nhar it-8 ta' April 2020 fis-6.00pm u jkun hemm il-possibilita' li wieħed ma jiġix imniżżel bħala assenti jekk ikun qed isegwi permezz ta' Skype.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 8/4/2020 minn Alexander k/a Sandro Craus
Segretarju Eżekuttiv Sindku